# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 485/97

Joseph Pace
vs
Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma, Ufficju tal-Management and Personnel tal-Prim Ministru

Illum 29 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn Mejju 1987 u Mejju 1995 ir-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg tieghu billi ghalkemm kien jisthoqqlu ma nghatax promozzjoni ghall-grad ta' Foreman.

Illi fl-1995 huwa dahal jahdem bhala ‘miner’ mad-Dipartiment tal-Ilma. Fil-1968 huwa lehaq General Water Fitter.

Bejn l-1987 u l-1995 ir-rikorrent applika madwar sitt darbiet biex jinhatar Foreman. Qatt ma sar. Hafna drabi lanqas baghtu ghalih biex jintervistawh. Kien hemm okkazzjonijiet ohra meta huwa ma setghax japplika ghal foreman ghaliex qalulu bis-sejha ghall-applikazzjonijiet tard. F'okkazzjoni meta huwa applika, fil-file tieghu tnizzel il-kliem “Dan tal-familja ta’ Jimmy Magro (is-segretarju Generali tal-MLP) F’okkazjoni ohra Ministru qallu li l-canvassers tieghu ma jhalluhx jaghtih promozzjoni.

Illi r-rikorrent baqa’ mcahhad mill-promozzjoni ingustament u b’mod diskriminatorju.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilment imsemmi skond l-Att VIII tal-1997 u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg tieghu fil-perjodu imsemmi billi kien imcahhad ingustament mill-promozzjoni ghall-grad ta’ Foreman u jordna li r-rikorrent ghandu jitqies li inhatar Foreman mid-data li tigi stabbilita mit-Tribunal u ghandu jinghata l-arretrati fil-paga li huwa tilef ingustament u/jew li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens ghat-telf li garrab b’konsegwenza tal-ingustizzji li sofra fl-ammont ta’ Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa illi r-rikorrent gie mpjegat fil-grad ta' Miner II mad-Dipartiment tal-Water Works b'effett mill-20 ta' Gunju 1956. Hu gie trasferit ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet fis-17 ta' Lulju 1972 fil-grad ta' General Water Fitter. Fl-1 ta' Jannar 1991 permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku, ir-rikorrent gie assimilat fil-grad ta' Senior Tradesman kariga li baqa' jgawdi sakemm irtira fil-21 ta' Gunju 1997.

Illi mid-dokumenti li jippossjedi d-Dipartiment jirrizulta li r-rikorrent kellu l-opportunita' japplika ghas-sejhiet segwenti:

| Chargehand | A/WTO | WTO |
|---|---|---|
| 3/87 | 2/87 | 41/86 |
| 123/88 | 117/88 | 50/88 |
| | | 141/88 |
| | | 3/90 |
| | | 14/90 |
| | | 136/90 |
| | | 38/92 |

Izda mill-istess dokumenti jidher li r-rikorrent naqas li japplika f'kull istant. Ghaldaqstant l-ilment allegat mir-rikorrent ma jikkostitwix prova li saret eskluzjoni jew preferenza indebita a skapitu tieghu.

Abbazi l-intimat talab li t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda flimkien mad-dokument prezentat mid-Direttur Generali tax-Xogholijiet.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ntimata li eccepiet illi:

1. Illi l-hatriet li nghataw fid-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma u sussegwentement fil-Korporazzjoni intimata dejjem inghataw skond il-ligi.

2. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tal-Ufficcju tal-Management u Personnel tal-Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa m'hux il-legittimu kontradittur u bhala tali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fil-meritu, a skans ta' ripetizzjoni, huwa jaghmel referenza ghar-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u jaghmilha tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent xehed u ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li hu ma kellimx lill-Ministru direttament. Hadem f'hafna sezzjonijiet. Fil-Water Works, taht l-Amministrazzjoni Nazzjonalista, bdew isiru hafna promozzjonijiet ghal Tech I u Tech III u Foreman u hu dejjem baghat is-sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal Foreman - sitt darbiet. Zied li kien jiehu l-applikazzjoni bil-miktub, kienet tkun handwritten u jehoda l-ufficcju personalment, u kienu jghidulu halliha hemmhekk, imbaghad jircievi minn ghandhom u acknowledgement qatt ma rcieva. Meta kien imur jistaqsi x'gara, ghaliex ma' rceviex l-acknowledgement, kienu jghidulu issa tigi u sadanittant kienu johorgu r-rizultati tal-promozzjonijiet. Kienu baghtulu l-acknowledgement ghal din l-applikazzjoni izda ma rcieva xejn, ma baghtux ghalih. Esebixxa acknowledgement tad-Dipartiment tas-Sahha.

Ma ftakarx id-dati ta' meta applika ghas-sejhiet ghall-applikazzjoni. Lanqas ma ftakar lil min kien ta meta kien applika ghas-sejhiet ghall-applikazzjonijiet. Mistoqsi jekk kienx ilmenta li kien applika u ma baghtux ghalih ghall-interview, qal li l-kapijiet tieghu qalulu li ma kellux certifikati.

Vince Piccinino rapprezentant ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru xehed li mill-personal file li jinstab fid-dipartiment ma jidher li hemm l-ebda dokument relevanti ghal dan il-kaz. Fil-fatt jekk saret xi applikazzjoni din ma' tidholx fil-personal file, izda tidher fil-file li jinfetah fid-dipartiment koncernat u mhux fl-M.P.O.

Paul Scicluna rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet xehed li bejn l-1984 u l-1995, Joseph Pace ma kienx impjegat tad-Dipartiment tax-Xogholijiet izda kien fil-Water Works Department mad-dipartiment tax-Xogholijiet. Fil-fatt kellu grad ta' General Water Fitter, allura kien mal-Water Works fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Xehed li r-rikorrent qatt ma applika. Ghalkemm mad-dipartiment tax-Xogholijiet hargu 11-il sejha, ir-rikorrent dejjem naqas li japplika, ma japplika ghall-ebda wahda minnhom. Ra l- personal file tar-rikorrent u semma li ma deheret l-ebda applikazzjoni min-naha tar-rikorrent ghas-sejhiet mad-dipartiment tax-Xogholijiet.

Maurice Mizzi rapprezentant tal-Personnel Section tal-Water Services Corporation xehed li ghamel ricerki mhux mill-personal file ta' Joseph Pace r-rikorrent peress li l-personal file ma jinstabx fil-Water Services Corporation izda jinsab fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Sab li fil-perjodu bejn l-1987 sa l-1994 harget sejha ghall-applikazzjoni ghal WTO wahda li kienet OPM Circular 65/89 u fl-istess sejha ghall-applikazzjoni kien hemm ukoll sejha ghal Assistant WTO. Jirrizulta illi huwa ma applikax ghal dawn iz-zewg postijiet. Kull min gie u applika inghata acknowledgment.

**KONKLUZZJONIJIET**

Illi l-qofol ta' kollox hawn hu jekk fil-fatt r-rikorrent kienx applika ghall-promozzjoni – u dan xi sitt darbiet. Ir-rikorrent sostna li kien applika izda qatt ma tawh acknowledgement. Din fil-fehma tat-Tribunal hi ferm stramba ghax hawn mhux qedghin nitkellmu dwar applikazzjoni wahda izda sitt applikazzjonijiet li skond ma jghid l-istess rikorrent japplika u ma jiehux acknowledgement u ma jibghatux ghalih u jerga ma jiehux azzjoni. Dan kien bniedem li kien jaf sewwa l-importanza ta' acknowledgement tant li dik tad-Dipartiment tas-Sahha esibita a fol 43 tal-process zamma mill-1994 sa meta esibiha. Ghalhekk it-Tribunal isibha ferm difficli li jqis kredibli l-versjoni tar-rikorrent. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati.

Spejjez kontra r-rikorrent.